# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 249/02mm**

**BIM Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm3,668.72) rapprezentanti prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess fil-lukanda The Crown Hotel, f' Bugibba, kif jirrizulta mill-anness kopja ta' statement of accounts mmarkata bhala Dok. A, u dan peress illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet interpellata sabiex taghmel dan anki permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru, 2001;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali msemmija u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-20 ta' Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg